**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2017

Rikors Nru : 228/15 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet:

Dikjarazzjoni

1. Illi z-zewg partijiet izzewwgu fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976) kif jixhed l-Att taz-Zwieg anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi id-dar bl-isem "White Pearl" numru wiehed (1) Saint Catherine Street, H'Attard serviet bhala d-dar taz-zwieg billi l-intimat fit-tlettax (13) ta' Novembru elf disa' mija disgha u tmenin (1989) dahal f'koncessjoni enfitewtika perpetwa mal-

Awtorita' tad-Djar b'effett mit-tmintax (18) ta' April tas-sena elf disa' mija disa' u tmenin (1989) (vide Dok B: estratt minn ricerki pubblici) rigward art li fuqha giet mibnija l-imsemmija propjeta;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw minn xulxin bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor John Cachia Zammit tad-9 ta' Gunju 1989 kif jindika l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala Dok C;
4. Illi sussegwentament il-partijiet kienu irrikonciljaw, regghu marru jghixu flimkien u sahansitra dahlu f'kuntratt pubbliku quddiem in-Nutar Dottor Nicholas Vella tat-30 ta' Lulju 1999 u ghalhekk ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi kienet sehhet rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi, madanakollu, l-intimat kien iddispona minn proprjeta komuni, u specifikament, il-fond "White Pearl" numru wiehed (1) u garage f'Saint Catherine Street, H'Attard minghajr il-kunsens ta' martu, u bi pregudizzju ghad-drittijiet taghha fuq l-imsemmija proprjeta, kif jirrizulta mill-bejgh tal-istess propjeta illi sehh fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) ghas-somma ta' tlieta u sebghin elf u hames mitt lira (LM73,500) (Dok e : estratt minn ricerki pubblici);
6. Illi, ghakemm l-intimat gie interpellat diversi ittri legali sabiex l-intimat jikkumpensa lill-esponenti ghas-seham taghha tal-imsemmija proprjeta' konsistenti fis-sehem taghha mill-kommunjoni tal-akkwisti, huwa baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
7. Illi, iz-zwieg ta' bejn il-partijiet, eventwalment, gie ddikjarat null mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza, liema annullament gie registrat fit-12 ta' Lulju 2012 fl-Onor. Qorti tal-Appell (sede Civili), kif jirrizulta mill-Annotazzjonijiet illi jinsabu fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet, hawn anness u esebit bhala Dok A;
8. Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Noel Scerri gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qeghda tusufrizzi mis-servizz tal-Ghajnuna Legali (vide Dok F: Inkartament Ghajnuna Legali anness u mmarkat bhala Dok. F);

<u>Raguni tat-Talba</u>

1. Illi z-zewg partijiet izzewwgu fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976) kif jixhed l-Att taz-Zwieg anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi id-dar bl-isem "White Pearl" numru wiehed (1) Saint Catherine Street, H'Attard serviet bhala d-dar taz-zwieg billi l-intimat fit-tlettax (13) ta' Novembru elf disa'mija disgha u tmenin (1989) dahal f'koncessjoni enfitewtika perpetwa mal-Awtorita tad-Djar b'effett mit-tmintax (18) ta' April tas-sena elf disa' mija disa' u tmenin (1989) (vide Dok B: estratt minn ricerki pubblici) rigward art li fuqha giet mibnija l-imsemmija proprjeta;
3. Illi l-partiijiet kienu sseparaw minn xulxin bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor John Cachia Zammit tad-9 ta' Gunju 1989 kif jindika l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala Dok C;
4. Illi sussegwentament il-partijiet kienu irrikonciljaw, regghu marru jghixu u sahansitra dahlu f'kuntratt pubbliku quddiem in-Nutar Dottor Nicholas Vella tat-30 ta' Lulju 1999 kif jixhed il-kuntratt ta' rikonciljazzjoni anness u mmarkat bhala Dok D, u ghalhekk ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi kienet sehhet rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi, madanakollu, l-intimat kien iddispona minn proprjeta' komuni, u specifikament, il-fond "White Pearl" numru wiehed (1) u garage f'Saint Catherine Street, H'Attard, minghajr il-kunsens ta' martu, u bi pregudizzju ghad-drittijiet taghha fuq l-imsemmija propjeta', kif jirrizulta mill-bejgh tal-istess proprejta' illi sehh fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) ghas-somma ta' tlieta u sebghin elf u hames mitt Lira (LM73,500) (Dok E: estratt minn ricerki pubblici);
6. Illi, ghalkemm l-intimat gie interpellat b'diversi ittri legali sabiex l-intimat jikkumpensa lill-esponenti ghas-sehem taghha tal-imsemmija propjeta', konsistenti fis-sehem taghha mill-kommunjoni tal-akkwisti, huwa baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
7. Illi, iz-zwieg ta' bejn il-partijiet, eventwalment, gie ddikjarat null mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza, liema annullament gie registrat fit-12 ta' Lulju 2012 fl-Onor Qorti tal-Appell (sede Civili), kif jirrizulta mill-Annotazzjonijiet illi

jinsabu fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet, hawn anness u esebit bhala Dok A;

8. Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace u l-PL Noel Scerri gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qeghda tusufrixxi mis-servizz tal-Ghajnuna Legali (vide Dok F: Inkartament Ghajnuna Legali anness u mmarkat bhala Dok F);

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-intimat;
2. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni;
3. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjnijiet li jigu assenjati lill-partijiet;
4. Tordna lill-intimat sabiex jassenja l-porzjon spettanti lill-kommunjoni tal-akkwisti;

Bl-ispejjez u bl-imghax skont il-ligi kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa : (fol. 27)

**ILLI** f' l-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni tentata mir-rikorrenti hija improponibbli stante illi l-istess rikorrenti ġia intavolat kawża fuq l-istess mertu (Dok A) liema kawża ġiet minna ċeduta permezz ta' nota datata 8 ta' Lulju 2008 (Dok B). Għalhekk, peress lil ma ħallistx lill-esponenti l-ispejjes tal-kawża minnha ċeduta, a tenur ta' artikolu 907.2 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tintavola kawża fuq l-istess mertu qabel ma l-ewwel jitħallsu l-ispejjes. Illi di piu għandu jingħad illi dan huwa abbus sfaċċat ta' l-istut ta' l-għajnuna legali u l-Qorti qed tiġi permezz tal-presenti tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

**ILLI** mingħajr preġudizzju għas-suespost u preliminarjament n-nullita ta' l-azzjoni attriċi a tenur ta' artikolu 789.1.a u d tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, stante illi l-azzjoni odjerna, hija bbazata fuq kuntratt in atti tan-nutar Dott. Nicholas Vella datat tletin (30) ta' Lulju elf disgħa mija u disgħa u disgħin (1999) liema kuntratt ma fihx l-awtorizzazjoni tal-Qorti a tenur ta' artikolu 65 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għahekk fid-diċitura ta' l-atikolu ċitat 'ma jiswiex'. Konsegwentment dak li ma jiswiex ma jipproduċi l-ebda effett;

**ILLI** mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma frivoli vessatorji u infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda u in *ogni caso,* u assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed titalab tapplika kontra r-rikorrenti d-dispost ta' artikoli 48 *et seq* tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana għar-raġuni li wara li l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott. John Gambin datat 9 ta' Ġunju 1989, u l-esponenti ħa ħsieb u rabba esklussivament l-erbgħa (4) ulied minuri, Clive, Donna, Ryan u Philip, skopra li l-ulied li hu kien rabba bħala tiegħu ossija Clive u Donna ma kienx il-missier bioloġiku tagħhom kif jirriżulta mit-testijiet ġenetiċi kondotti mir-rikorrenti Dok C u Dok D.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti tar-rikors ġuramentat innumerat 275/2006JA, liema proċess ġie allegat mal-proċess odjern bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti skont digriet iddatat it-8 ta' Ġunju 2016[1];

Semgħet lill-konvenut jixhed fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2016[2],kif ukoll lix-xhieda minnu prodotti u cioe in-Nutar Dr. Nicholas Vella u l-Avukat Dr. Michael Sciriha[3];

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

---

[1] Fol. 42a
[2] Fol. 44 et seq.
[3] Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2016 fol. 59 et seq.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għal sentenza preliminari dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut;

Ikkunsidrat:

Il-kronoloġija tal-fatti ta' din il-kawża huma s-segwenti:

1. Il-partijiet iżżewġu fl-1 ta' Marzu 1976[4] fis-santwarju tal-Madonna tal-Ħerba fil-Parroċċa ta' Sant'Elena Birkirkara;

2. Huma sseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. John Cachia Zammit, ippubblikat fid-9 ta' Ġunju 1989[5];

3. Il-partijiet irrikonċiljaw u effettivament daħlu f'kuntratt ta' rikonċiljazzjoni ippubblikat min-Nutar Dr. Nicholas Vella ddatat it-30 ta' Lulju 1999[6], liema kuntratt ma ġiex debitament awtorizzat mill-Qorti, fatt li jirriżulta sija mill-att innifsu u wkoll mix-xhieda tan-Nutar Dr. Nicholas Vella li ppubblikah;

4. Illi l-attriċi fit-30 t'Awwissu 2006, intavolat kawża quddiem din l-istess Qorti kif diversament presjeduta (Rikors Ġuramentat 275/06JA) fejn *inter alia* talbet il-pronunzja mill-ġdid tas-separazzjoni legali bejn il-kontendenti;

5. Illi fit-8 ta' Lulju 2008, l-attriċi ċediet din l-imsemmija kawża *"sabiex tkun tista' tirregola ruħha aħjar dwar il-pretensjonijiet tagħha."*

6. Illi fit-12 ta' Lulju 2012, il-Qorti tal-Appell (Sede Ċivili) iddikjarat illi d-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta mogħtija fid-29 t'Ottubru 2010 u kkonfermata mit-Tribunal tat-Tieni Istanza fit-2 ta' Novembru 2011, fejn iż-żwieġ bejn il-kontendenti ġie ddikjarat null, tiġi reġistrata bħal li kieku kienet deċiżjoni definittiva tal-istess Qorti.

---

[4] Ċertifikat taż-żwieġ jinsab esebit fol. 6
[5] Kopja Legali hija esebita fol. 8 et seq.
[6] Kopja Legali hija esebita fol. 12 et seq u fol. 66 et seq.

7. Illi l-attriċi ppreżentat il-kawża odjerna fit-2 t'Ottubru 2015;

Dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari

Il-konvenut jeċċepixxi preliminarjament illi l-azzjoni tentata mir-rikorrenti, hija improponibbli stante illi l-istess rikorrenti ġja ntavolat kawża fuq l-istess mertu, liema kawża ġiet minnha ċeduta. Illi stante li r-rikorrenti ma ħallsitx lill-eċċepjent l-ispejjeż tal-kawża minnha ċeduta, a tenur tal-Artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12[7] tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tintavola kawża fuq l-istess mertu qabel ma l-ewwel jitħallsu l-ispejjeż;

Illi l-imsemmi artikolu jistipula kif ġej:
***907(2) Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra.***

Illi m'huwiex ikkontestat mill-attriċi li hija ma ħallsitx l-ispejjeż li nkorra l-konvenut permezz tal-imsemmija kawża ċeduta; Il-konvenut xehed b'mod kategoriku illi hu ma tħallasx tal-ispejjeż tal-ewwel kawża li sussegwentement ġiet ċeduta;

Dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, l-attriċi s-sostni illi l-artikolu 907(2) huwa dispożizzjoni eċċezzjonali li għandu japplika biss jekk il-kondizzjonijiet kollha msemmija fl-istess Artikolu huma sodisfatti. Issostni illi l-proċeduri odjerni ma ġewx istitwiti "għall-istess ħaġa" bħal ma hu rikjest mill-Artikolu ċċitat. Illi fl-ewwel kawża ġew imressqa għaxar talbiet filwaqt li fil-proċeduri odjerni ġew imressqa erba' talbiet; Illi inoltre, il-konvenut tul dan iż-żmien qatt ma talabha l-ħlas tal-ispejjeż legali tal-ewwel proċeduri u lanqas qatt ma ġiet interpellata sabiex tagħmel dan. Għalhekk il-konvenut ma jistax issa jattenta jwaqqaf lill-attriċi milli tipproċedi permezz ta' din il-kawża meta huwa qatt ma talab il-ħlas għall-ispejjeż ġudizzjarji tal-ewwel kawża; Il-Qorti ma taqbilx.

Huwa minnu li f'din il-kawża, in-numru ta' talbiet imressqa lill-Qorti huma inqas mit-talbiet fil-kawża ċeduta; Iżda fis-sostanza, it-talbiet huma l-istess u cioe id-dikjarazzjoni mill-ġdid tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet; ix-xoljiment, il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; u l-assenjazzjoni mill-konvenut lill-attriċi ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Illi stante li l-mertu taż-żewġ

[7] Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

kawżi huwa identiku, din il-kawża hija fil-fehma tal-Qorti "kawża għall-istess ħaġa" bħalma huwa previst fl-artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12. M'huwiex meħtieġ li t-talbiet ikunu verbatim l-istess, imma li l-mertu tal-kawża ikun l-istess u li l-effetti tad-deċiżjoni eventwali mogħtija mill-Qorti ikunu l-istess ħaġa. Iż-żewġ kawżi ġew intavolati wara r-"rikonċiljazzjoni" tal-partijiet u għalhekk ma jistax jingħad li hemm xi differenzi f'dan is-sens. Anke x-xhieda li ġew imsejħa fl-istadju inizjali taż-żewġ kawżi kienu l-istess żewġ persuni ossia n-Nutar Dr. Nicholas Vella u l-Avukat Dr. Michael Sciriha, b'mistoqsijiet simili fiż-żewġ proċedimenti.

Illi inoltre, dak li targumenta l-attriċi fis-sens illi l-konvenut qatt ma talabha il-ħlas għall-ispejjeż legali tal-ewwel proċeduri u lanqas qatt interpellaha sabiex tagħmel dan, jirriżulta mhux minimament ippruvat fl-atti. Illi anke jekk *se mai*, il-konvenut qatt ma talab lill-attriċi tħallas l-ispejjeż ġudizjarji, kellha tkun l-attriċi li tadempixxi l-obbligi tagħha skont il-liġi qabel ma tintavola l-kawża ġdida. Ma tistax tinterpreta n-nuqqas t'interpellazzjoni tal-konvenut għall-ispejjeż bħala l-awtorizzazzjoni tiegħu biex hi tippreżenta kawża oħra. Il-Qorti ma tistax tippermetti abbuż bħal dan u hija tal-fehma li kien dan l-abbuż li l-leġislatur ried sewwasew jevita bil-promulgazzjoni ta' dispożizzjoni daqshekk fatali bħal ma huwa l-Artikolu 907(2). Inoltre, fil-każ odjern, jirriżulta illi l-attriċi tikkwalifika għall-benefiċċju ta' avukat għall-għajnuna legali, mentri l-konvenut juża avukat privat. Il-Qorti ma tistax tippermetti l-abbuż fis-sens li persuna li tikkwalifika għall-għajnuna legali b'xejn tiftaħ ripetutament l-istess kawża, iċċediha u taħli l-ħin u l-ispejjeż lill-parti l-oħra, sempliċiment għax lilha ma jiswieha xejn.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tara li l-fatti in eżami jinkwadraw ruħhom perfettament fl-ambitu tal-Artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant tiddikjara illi l-attriċi ma setgħetx tibda l-kawża odjerna qabel ma tkun fil-fatt ħallset lill-konvenut l-ispejjeż tal-ewwel kawża.

In vista ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li m'hemmx il-ħtieġa anzi jkun superfluwu li tikkonsidra u tiddeċiedi dwar it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u konsegwentement qiegħda tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.